# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Deċiżjoni numru: 2825

Kaz Nru. 3797/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Corinne Vella (ID 108994 (M))

u

Cieffe Projects Ltd (C 62082)

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM**

**Illum : 16 ta'Mejju , 2022**

**1. Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentata minn Corinne Vella, lit-Tribunal Industrijali nhar 16 t'Ottubru 2019, fejn isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kienitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap.452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa ta' Cieffe Projects Ltd, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata 12 ta' Novembru 2019 tesponi li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Corinne Vella kienet gusta u valida fil-ligi u b' hekk m' hemmx lok ghal hlas ta' kumpens.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mis-soċjetà ntimata kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

Corinne Vella minn issa l-quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, ser tkun rapprezentata mill-Avv. Natalino Caruana De Brincat.

Cieffe Projects Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta’ ntimata, ser tkun rapprezentata mill-Avv. Carl Grech

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg taghha mas-soċjetà ntimata fl-1 ta’ Awissu 2017 bhala *“Design Office Assisstant”* permezz ta’kuntratt indefinit. Irrizulta li fil-11 ta’ Lulju 2019 giet infurmata permezz ta’ *email* li l-impieg taghha gie tterminat b’effett mit-12 ta’ Lulju 2019, minhabba nuqqas ta’ xoghol u li tali raguni r-rikorrenti qed tikkontesta bhal wahda ngusta skond il-ligi.

Is-socjeta’ ntimata tispjega l-fatt li wara ristrutturar fis-socjeta, x-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti ma baqax isir u li wara li hi giet itterminata ma giex impjegat haddiehor flokha. Is-socjeta’ntimata halset il-paga tan-*notice period* ghalkemm ir-rikorrenti f’dan il-perjodu hi ma hadmitx.

**4. Il-lista ta’ xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrenti fir-rikors datat 16 t’ Ottubru 2019 skond lista annessa Dok CV004.
**4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta’ntimata skond il-lista annessa mar-risposta prezentat datata 13 ta’ Novembru 2019.

**5. Il-lista ta’ dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta’ dokumenti min-naħa tar-rikorrenti : kopja ta’ ittra bhala kuntratt tax-xoghol immarkat Dok CV001; Dok CV002; Dok CV003 ; Dok CV004.
**5.2** Gew ipprezenatati numru ta’ dokumenti minn naha tas-socjeta’ntimata immarkati Doc A; Dok CGR1; Dok CGR2.

**6. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**L-Avv. Carl Grech**: “ I*ssa rwoli ohra apparti ta’ design int pruvajt toffri lil Vella?”*

**Johann Farrugia**: “*Ahna rwoli ohrajn huma projects managers, jidhirli li kont tkellimt maghha pero’ hi l-intenzjoni taghha kienet li tahdem bhala designer*______________________*, dik kienet studjat hi pero ma kellix post ghal designers* ________________*” (Rif Sed 9/12/2019 pag 10).*

**Johann Farrugia: “** *Bhala purchasing hemm diga nies bizzejjed pero hi diversi drabi qaltli li l-ideja taghha kienet design ghax hi fuq dak studjat mhux purchasing***”** (Sed 09/12/2019 pag 8).

**Rodienne Brincat: “ ______________***issa imma design, one of her duties or part of her duties”*

*le her main duty".*

*" _________ghidtilha mela in-notice jibda min ghada_____________fl-istess gurnata giet qaltli jiena ha nigi nahdem ghada u ha tkun l-ahhar gurnata tieghi ghax jiena rrid immur u nfittex xoghol iehor" (Rif Sed 17/02/2020.pag )".*

**L-Avv. Natalino De Brincat**: "X'igifieri gejtu msejha Hal Far?"

**Victor Vella:** "*Meta nghid li kulhadd ghax il-kumpaniji l-ohra minn tal-grupp li kellha ufficini taghha Hal Tarxien telghu hemmhekk*". (Rif Sed 04/10/2021).

7. **Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Natalino Caruana De Brincat:** ghar-rikorrenti, fin-nota tat-trattazzjoni tieghu elenka fatti li fihom ikkonferma li kien hemm disgwid fl-amministrazzjoni tas-socjeta' nitmata li wassal sabiex wiehed mid-diretturi rrizenja. Issemma mpjegat fil-*management*, li kien ukoll missier ir-rikorrenti, fejn spjega li r-relazjoni tieghu mad-direttur li rrizenja kienet wahda eccellenti kif ukoll meta mistoqsi fir-rigward tal-andamant tas-socjeta'ntimata dan spjega li kienu fl-istadju li jaghlqu il-progetti mibdija.

Fuq l-istess linji kienet ikkumentat ir-rikorrenti fejn qalet li kienu qeghdin japplikaw ghal tenders izda aktar kien qed ikun hemm xoghol zghir milli dak ta' kuntratti, ghaldaqstant kien hemm dubju fir-rigward tat-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrenti.

Baqa' jigi sosstnut li r-rikorrenti ma nghatatx raguni ghaliex giet itterminata u li din it-terminazzjoni giet marbuta mal-ezercizzju tar-ristrutturar filwaqt li minn naha l-ohra qed jigi mtenni li din it-terminazzjoni kellha rabta ma l-accettazzjoni tar-rizenja ta' missier ir-rikorrenti.

Giet migbuda l-attenzjoni li r-rikorrenti ma gietx ikkonsultata kif ukol ma gietx offruta impieg alternattiv.

**L-Avv. Natalino Caruana De Brincat:** Fil-konkluzzjonijiet tieghu rritjena li kien hemm rabta bejn is-sensja tar-rikorrenti u r-rizenja ta' missierha kif ukoll qal li filwaqt li s-socjeta'ntimata tghat l-impressjoni li kien hemm rizenja u sensji fl-istess gurnata, filwaqt li gie mistqarr li Victor Vella u Corinne Vella kienu l-ahhar zewgt impjegati fuq il-kotba tas-socjeta'ntimata, u li din kellha tinforma lir-rikorrenti bis-sitwazzjoni prekarja li kienet tinsab fiha s-socjeta sabiex setghet taghmel arrangamenti biex issib impieg iehor.

**L-Avv. Carl Grech:** ghas-socjeta'ntimata spega li s-socjeta kienet ghadejja minn sitwazzjoni finanzjarja prekarja u ghaldaqstant kellha taghmel ristrutturar fejn filwaqt li gabret kumpaniji ohra, inkluz is-socjeta' ntimata, taht saqaf wiehed, bidlet ukoll l-oggettiv tax-xoghol taghha, fejn id-

doveri li kienet taghmel ir-rikorrenti ma baqghux isiru aktar mis-socjeta'ntimata u ghaldaqstant hi kellha tigi tterminata minhabba nuqqas ta' xoghol.

**L-Avv. Carl Grech:** irrefera li r-rikorrenti giet offruta xoghol alternattiv, izda hi uriet li kienet interessata fid-doveri li kienet taghmel qabel, dawk ta' *Designer*, (Rif Fol 23 tal-process).

**8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu kkonferma li s-socjeta'ntimata kienet ghaddejja minn ristrutturar u li l-iskop tas-socjeta' kien ser jinbidel. Gie kkonfermat ukoll li r-rikorenti kienet intbaghtitilha *email* datata 11 ta' Lulju 2019 fejn kien indikat li "*due to recent **restructuring** of Cieffe Projects Ltd, scope of company will change*_____" u l-ghada stess kienet diga giet sottomessa l-formola tat-terminazzjoni lill-Jobs Plus li kienet tindika li s-socjeta kellha **nuqqas ta'xoghol.**

It-Tribunal Industrijali fil-kazi ta' ristrutturar jidhol fil-kuntest ta' x'kien qieghed isehh u dak li seta wassal ghas-sitwazzjoni b'mod specjali t-tnaqqis ta' l-impiegi minn mas-socjeta.

Kien ikkonfermat li s-socjeta'nitmata fis-sena 2019 kellha diffikultajiet finanzjarji serji u dan hu riferut fil-kontijiet finanzjarji kif prezentati tindika " ***that material uncertaintity exists that may cost significant doubt on company's ability to continue as a going concern"***. (Rif Doc CGR2)( Nota 12). It-Tribunal Industrijali fehem sew li fic-cirkustanzi kollha, migbura fil-mori tal-process gie stabbilit li is-socjeta'ntimata kienet ghaddeja minn fazi ta' dizgwid fl-immanigjar taghha, u dan skond xhiedha mghotija minn diversi gradi ta'mpjegati.

F'sitwazzjonijiet bhal dawn wahda mis-soluzzjonijiet setghet tkun dik ta' ristrutturar, hekk kif fil-fatt gara, fejn gew migbura flimkien mal-kumpanija centrali, kemm is-socjeta' ntimata kif ukoll kumpaniji sussidjarji ohra (*economies of scales*), li wassal ghal anqas dupplikar ta' xoghol.

Filwaqt li r-rikorrenti kienet intalbet jekk hi kienetx lesta li taghmel xoghol ta' *procurement* hi ma urietx dik ix-xewqa anzi meta giet mgharrfa li trid tahdem il-perjodu tan-notice hi mil-ewwel indikat li hi trid tmur tfittex xoghol iehor. " *jiena bghatt din l-email, l-ghada bghattlu reminder u u kkupjajt l-email personali tieghi ghax ovvjamnet ma kontx ha nibqa nahdem hemm*________" (Rif Sed 14/06/2021 pag 7), kien ikkonfermat li hi giet offruta xoghol iehor (Rif Sed 9/12/2019 pag 10).

It-Tribunal innota li fit-trattazzjoni saret riferenza li r-rikorrenti ma' gietx mghotija informazzjoni fuq is-sitwazzjoni tas-socjeta'ntimata sabiex b'hekk hi setghet tfittex impieg iehor. Gie nnutat ukoll li r-rikorrenti l-anqas riedet tahdem il-perjodu tan-notice ghalkemm giet imhallsa tieghu. Dan kien juri li l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet li titlaq minn mas-socjeta'ntimata**.** (Rif Sed 17/2020 Pag 4)

Kien aktar minn ben car li s-socjeta'ntimata eliminat totalment ix-xoghol tad-disinn mill-process tal-produzzjoni, u li kien id-dover primarju tar-rikorrenti skond il-kuntratt tax-xoghol. Id-doveri li setghet toffri s-socjeta' ntimata lir-rikorrenti kienu dawk li jsiru fuq il-lantijiet tax-xoghol (*projects manager*) u mhux xoghol ta' ufficcju.

**9. Decizjoni :**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara' s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeċiedi li dan kien każ kien jissodisfa l-ezami ta' meta kumpanija tkun f'sitwazzjoni hazina li ma jibqaghliex triq ohra li tiehu t-triq ghar-ristrutturar b'rizultat li minhabba nuqqas ta' xoghol f'sezzjoni tal-kumpanija, konsigwentament ikollha tnaqqas l-impjegati taghha sabiex tevadi li ikollha riperkussjonijiet akbar.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrenti kienet wahda gusta u skond il-ligi.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat: Is-Sur James H.Pearsall**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**

**Ghas-Segretarja**